IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** | **SESSJONI 1** |
| KARTA NUMRU: | I – Livell 1-2-3 It-Taħdit | |
| TUL TA' ĦIN: | 10 minuti | |

## IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR

**It-Taħdit** **(Total: 40 marka)**

**Jekk il-kandidat ma jkunx jaf iwieġeb taqsima u jkun għadda l-ħin allokat kompli għat-taqsima li jmiss.**

**TAQSIMA A:**

**1. Qari ta' ħin.** **(minuta, 4 marki)**

Ir-rapport tat-temp għal matul il-jum t'għada.

| 09°C | 17°C | 16°C | 10°C |
|---|---|---|---|
|  |  |  |  |
| 06:00 | 12:00 | 17:00 | 22:00 |

*(Sors: https://pixabay.com)*

Mistoqsijiet lill-kandidat:
a. Fi x'ħin se tkun l-ogħla temperatura?
b. Fi x'ħin se tkun l-inqas temperatura?
ċ. Fi x'ħin hu mbassar li se tagħmel ix-xita?
d. Fi x'ħin se jissaħħab?

**2. Rakkont qasir fuq viżwal bi kliem mogħti.** **(2 minuti, 8 marki)**

Istruzzjonijiet lill-kandidat:
a. Aqra b'vuċi għolja l-kliem li għandek miktub fil-ġenb tal-istampa.
b. Ħares sew lejn l-istampa u rrakkonta storja. Tista' tuża xi kliem li għandek fil-ġenb bħala għajnuna.



*(Sors: https://firefly.adobe.com)*

- eżatt kif ħareġ mill-iskola ħass taqtira xita
- ħaseb li mhux se tkun qawwija
- f'nofs triq bdiet nieżla xita bil-qliel
- ġera kemm felaħ lejn id-dar

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA B:**

**1. Intervista sempliċi.** **(2 minuti, 4 marki)**

**It-temp favorit tiegħi**



*(Sors: https://firefly.adobe.com)*

Eżaminatur: X'inhu t-temp favorit tiegħek?

Kandidat: ____________________________.

Eżaminatur: Xi tħobb tagħmel meta toħroġ ġurnata kif tixtieqha int?

Kandidat: ____________________________.

Eżaminatur: Kif tħossok meta t-temp ma jkunx kif tħobbu int?

Kandidat: ____________________________.

Eżaminatur: Ġieli biddilt pjanijiet għax it-temp ma jkunx kif tixtiequ int?

Kandidat: ____________________________.

**2. Nitkellem dwar dak li jogħġobni u dak li ma jogħġobnix.** **(2 minuti, 8 marki)**

Istruzzjonijiet lill-kandidat: Ħares sew lejn l-istampa.

- Semmi **ŻEWĠ** affarijiet li jogħġbuk f'ġurnata b'temperatura sħuna u għid għaliex.
- Semmi **ŻEWĠ** affarijiet li ma jogħġbukx meta tkun ħafna sħana u għid għaliex.



*(Sors: https://firefly.adobe.com)*

**TAQSIMA Ċ:**

**1. Spjega ta' Skeda.** **(minuta, 8 marki)**

**Tbassir tat-Temp għall-Jiem li Ġejjin**

| | Il-Ħadd 15 ta' Marzu | It-Tnejn 16 ta' Marzu | It-Tlieta 17 ta' Marzu | L-Erbgħa 18 ta' Marzu | Il-Ħamis 19 ta' Marzu | Il-Ġimgħa 20 ta' Marzu | Is-Sibt 21 ta' Marzu |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Xemxi | Ftit Imsaħħab | Bir-riħ | Xita Iżolata | Maltemp | Varjat | Il-biċċa l-kbira msaħħab |
| | ↑$15^{0}$C ↓$13^{0}$C | ↑$16^{0}$C ↓$12^{0}$C | ↑$14^{0}$C ↓$11^{0}$C | ↑$12^{0}$C ↓$10^{0}$C | ↑$11^{0}$C ↓$10^{0}$C | ↑$13^{0}$C ↓$10^{0}$C | ↑$12^{0}$C ↓$10^{0}$C |
| **Jisbaħ** | **06:12** | **06:11** | **06:09** | **06:08** | **06:06** | **06:05** | **06:04** |
| **Jidlam** | **18:09** | **18:10** | **18:11** | **18:12** | **18:14** | **18:15** | **18:16** |

*(Sors: https://pixabay.com)*

Mistoqsijiet lill-kandidat:

a. Liema ġurnata se tkun bl-ogħla temperatura? Kemm se tkun?
b. Fi tmiem il-ġimgħa, int u sħabek tixtiequ tmorru taraw ix-xemx tielgħa. Meta taħseb l-aħjar li tmorru? Għaliex?
ċ. Qed tippjana li toħroġ bir-rota tliet darbiet matul dil-ġimgħa. Meta taħseb li jaqbillek toħroġ? Għaliex?
d. Sirt taf b'restorant li jkollu veduta mill-isbaħ fi nżul ix-xemx. Meta u fi x'ħin ikun ideali li tibbukkja biex tgawdi dil-veduta?

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**2. Għoti ta' direzzjonijiet.** **(2 minuti, 8 marki)**

**Mappa tal-Festival**




*(Sors: L-istampi fit-tabella t'hawn fuq huma kkreati mis-sit https://firefly.adobe.com)*

Istruzzjonijiet lill-kandidat: Inti u ħabib tiegħek iddeċidejtu li tmorru festival kulturali. Fil-bieb prinċipali tawkom il-mappa t'hawn fuq.

a. Xħin wasaltu kien xemxi, allura ddeċidejtu li tmorru taraw il-wirja tal-karozzi u wara tibqgħu sejrin ħdejn il-palk prinċipali. Spjega lill-ħabib tiegħek kif se tgħaddu.
b. Xħin kontu ħdejn il-palk prinċipali, sieħbek kellu bżonn imur it-toilet. Spjegalu minn fejn ried jgħaddi.
ċ. F'daqqa waħda bdiet nieżla x-xita u ddeċidejt li tmur taħt it-tinda tat-teatru. Immaġina li se ċċempel lill-ħabib tiegħek biex tispjegalu kif irid jgħaddi biex jasal ħdejk.
d. Qabadkom il-ġuħ u ridtu tmorru tieklu fir-ristorant. Skont il-mappa, liema hi l-iqsar rotta biex taslu r-ristorant?

**IT-TMIEM TAL-EŻAMI**

**Skema tal-Marki - Taħdit Livell 1-2-3** **(Total: 40 marka)**

<table>
<tr><th></th><th></th><th colspan="2">Livell 1</th><th colspan="2">Livell 2</th><th colspan="2">Livell 3</th></tr>
<tr><td colspan="2">Marki</td><td colspan="2">0-2</td><td colspan="2">0-3</td><td colspan="2">0-5</td></tr>
<tr><td rowspan="3">1.</td><td rowspan="3">Il-vokabolarju</td><td>Vokabolarju nieqes u ripetut.</td><td>0</td><td rowspan="3">Vokabolarju varjat u marbut mas-suġġett.</td><td rowspan="3">0-3</td><td rowspan="2">Vokabolarju marbut mas-suġġett.</td><td rowspan="2">0-4</td></tr>
<tr><td>Vokabolarju bażiku b’xi ripetizzjonijiet.</td><td>1</td></tr>
<tr><td>Vokabolarju bażiku bla ripetizzjonijiet.</td><td>2</td><td>Vokabolarju xieraq u addattat.</td><td>0-5</td></tr>
<tr><td colspan="2">Marki</td><td colspan="2">0-2</td><td colspan="2">0-3</td><td colspan="2">0-5</td></tr>
<tr><td rowspan="3">2.</td><td rowspan="3">L-istruttura tas-sentenza u l-qbil grammatikali</td><td>Kliem sporadiku.</td><td>0</td><td rowspan="3">Użu ta’ sentenzi sempliċi bi qbil grammatikali tajjeb bejn in-nom, il-verb u l-aġġettiv.</td><td rowspan="3">0-3</td><td rowspan="2">Qbil grammatikali tajjeb u xieraq.</td><td rowspan="2">0-4</td></tr>
<tr><td>Użu ta’ frażijiet.</td><td>1</td></tr>
<tr><td>Użu ta’ sentenzi sempliċi b’għajnuna.</td><td>2</td><td>Użu ta’ sentenzi komposti.</td><td>0-5</td></tr>
<tr><td colspan="2">Marki</td><td colspan="2">0-1</td><td colspan="2">0-2</td><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td rowspan="2">3.</td><td rowspan="2">Il-pronunzja u l-intonazzjoni</td><td>Pronunzja ma tiftehimx</td><td>0</td><td rowspan="2">Pronunzja u intonazzjoni addattati.</td><td rowspan="2">0-2</td><td rowspan="2" colspan="2"></td></tr>
<tr><td>Pronunzja li toqrob lejn dik Maltija.</td><td>1</td></tr>
<tr><td colspan="2">Marki</td><td colspan="2">0-7</td><td colspan="2">0-4</td><td colspan="2">0-6</td></tr>
<tr><td rowspan="3">4.</td><td rowspan="3">Rabta mat-taħriġ</td><td>L-erba’ mistoqsijiet jiġu mwieġba tajjeb. Agħti nofs marka għal kull waħda tajba.</td><td>0-2</td><td>Tweġibiet elaborati.</td><td>0-2</td><td>Tweġibiet xierqa u tajbin.</td><td>0-3</td></tr>
<tr><td>Qari tajjeb ta’ kliem.</td><td>0-2</td><td rowspan="2">Tweġibiet elaborati u b’raġunijiet validi.</td><td rowspan="2">0-2</td><td rowspan="2">Għoti ta’ direzzjonijiet xierqa u tajbin.</td><td rowspan="2">0-3</td></tr>
<tr><td>Rakkont imsaħħaħ b’deskrizzjoni u dettall.</td><td>0-3</td></tr>
<tr><td colspan="2">TOTAL</td><td colspan="2">12-il marka</td><td colspan="2">12-il marka</td><td colspan="2">16-il marka</td></tr>
</table>

**Taqsima A – L-eżaminatur irid juża l-kriterji u l-marki tal-livell 1 biss.**

**Taqsima B – L-eżaminatur irid juża l-kriterji u l-marki tal-livelli 1 u 2 biss.**

**Taqsima Ċ – L-eżaminatur irid juża l-kriterji u l-marki tal-livelli kollha.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** | **SESSJONI 1** |
| KARTA NUMRU: | I – Livell 1-2-3 It-Taħdit | |
| TUL TA' ĦIN: | 10 minuti | |

## IL-KARTA TAL-KANDIDAT

**It-Taħdit** **(Total: 40 marka)**

**TAQSIMA A:**

**1. Qari ta' ħin.** **(4 marki)**

Ir-rapport tat-temp għal matul il-jum t'għada.

| 09°C | 17°C | 16°C | 10°C |
|---|---|---|---|
|  |  |  |  |
| 06:00 | 12:00 | 17:00 | 22:00 |

*(Sors: https://pixabay.com)*

**2. Rakkont qasir fuq viżwal bi kliem mogħti.** **(8 marki)**

a. Aqra b'vuċi għolja l-kliem li għandek miktub fil-ġenb tal-istampa.
b. Ħares sew lejn l-istampa u rrakkonta storja. Tista' tuża xi kliem li għandek fil-ġenb bħala għajnuna.



*(Sors: https://firefly.adobe.com)*

- eżatt kif ħareġ mill-iskola ħass taqtira xita
- ħaseb li mhux se tkun qawwija
- f'nofs triq bdiet nieżla xita bil-qliel
- ġera kemm felaħ lejn id-dar

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA B:**

**1. Intervista sempliċi.** **(4 marki)**

**It-temp favorit tiegħi**



*(Sors: https://firefly.adobe.com)*

**2. Nitkellem dwar dak li jogħġobni u dak li ma jogħġobnix.** **(8 marki)**

- Semmi **ŻEWĠ** affarijiet li jogħġbuk f'ġurnata b'temperatura sħuna u għid għaliex.
- Semmi **ŻEWĠ** affarijiet li ma jogħġbukx meta tkun ħafna sħana u għid għaliex.



*(Sors: https://firefly.adobe.com)*

**TAQSIMA Ċ:**

**1. Spjega ta' Skeda.** **( 8 marki)**

**Tbassir tat-Temp għall-Jiem li Ġejjin**

Ħares sewwa lejn din l-iskeda biex twieġeb tajjeb għall-mistoqsijiet li se jagħmillek l-eżaminatur.

| | Il-Ħadd 15 ta' Marzu | It-Tnejn 16 ta' Marzu | It-Tlieta 17 ta' Marzu | L-Erbgħa 18 ta' Marzu | Il-Ħamis 19 ta' Marzu | Il-Ġimgħa 20 ta' Marzu | Is-Sibt 21 ta' Marzu |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| |  |  |  |  |  |  |  |
| | Xemxi | Ftit Imsaħħab | Bir-riħ | Xita Iżolata | Maltemp | Varjat | Il-biċċa l-kbira msaħħab |
| | ↑$15^{0}$C ↓$13^{0}$C | ↑$16^{0}$C ↓$12^{0}$C | ↑$14^{0}$C ↓$11^{0}$C | ↑$12^{0}$C ↓$10^{0}$C | ↑$11^{0}$C ↓$10^{0}$C | ↑$13^{0}$C ↓$10^{0}$C | ↑$12^{0}$C ↓$10^{0}$C |
| **Jisbaħ** | **06:12** | **06:11** | **06:09** | **06:08** | **06:06** | **06:05** | **06:04** |
| **Jidlam** | **18:09** | **18:10** | **18:11** | **18:12** | **18:14** | **18:15** | **18:16** |

*(Sors: https://pixabay.com)*

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**2. Għoti ta' direzzjonijiet.** **(8 marki)**

**Mappa tal-Festival**

Inti u ħabib tiegħek iddeċidejtu li tmorru festival kulturali. Fil-bieb prinċipali tawkom din il-mappa.




*(Sors: L-istampi fit-tabella t'hawn fuq huma kkreati mis-sit https://firefly.adobe.com)*

**IT-TMIEM TAL-EŻAMI**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** |
| KARTA NUMRU: | I – Livell 1-2-3 Is-Smigħ |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| TUL TA' ĦIN: | Madwar 30 minuta |

## IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR

**Is-Smigħ** **(Total: 33 marka)**

**Il-ħin għal dan l-eżerċizzju, li jinkludi l-qari għal darbtejn tat-test, għandu jieħu b'kollox 30 minuta.**

**Il-Proċedura**

**Merħba. Għandek 4 minuti biex tara t-taħriġ marbut mas-smigħ.**

**Matul is-sessjoni tas-smigħ se tisma' s-silta darbtejn. Tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-karta li għandek quddiemek waqt li tisma'. Bejn l-ewwel qari u t-tieni qari se jkollok 5 minuti.**

**--------------- Waqfa ta' 20 sekonda ---------------**

**Issa se tinqara s-silta għall-ewwel darba.**

### Taħt is-Swar tal-Imdina

Kienet lejla sabiħa tar-rebbiegħa, u ż-żewġ tfajliet ħarġu mid-dar kbira fejn kienu joqogħdu sewwasew quddiem il-ġnien. Bla ma staqsew lil xulxin fejn sejrin, qabdu triqithom lejn Ġnien Howard fir-Rabat. Fuq kollox, kienu joqogħdu fil-qrib, fi Triq il-Mużew. U, ngħiduha kif inhi, f'nofs siegħa ma tantx tista' tmur 'il bogħod wisq mid-dar. Hemm kienet l-għaxqa tagħhom! Kull lejla hemm, bla ma jiddejqu xejn. Kienu jieqfu max-xifer taċ-ċint u dritt jitfgħu ħarsithom 'l isfel, fil-foss, lejn grupp kbir ta' ġuvnotti li kuljum kienu jgħaddu l-ħin jilagħbu l-ballun, hemm taħt is-swar tal-Imdina. Għajjat u storbju bejniethom li ma ngħidlekx, basta jaħlu dik l-enerġija li matul is-sigħat tal-iskola kellha tibqa' ppressata f'ġisimhom.

Fil-ġnien, sewwasew wara t-tfajliet, kien hemm gabbana minn fejn stajt tixtri xi qassata jew pastizz, torta jew ftira biż-żejt inkella xi pasta tajba. Imma dawn kollha ma kienu jħajruhom xejn lil Sylvia u 'l Monica. Hekk jew b'hekk, mill-ikel ma kinux neqsin. L-attenzjoni tagħhom kienet tibda u tispiċċa hemm isfel, fil-foss fejn kienu dawk is-subien. Mill-gabbana bdiet ħierġa tgħajjat kemm tiflaħ il-kanzunetta tal-Beatles "Hey Jude".

It-tfajliet bdew itektku bit-tkaken mar-ritmu tal-kanzunetta waqt li saħansitra jkantawha wkoll taħt l-ilsien. Din il-kanzunetta kienet waħda mill-favoriti tagħhom. Dan għaliex il-messaġġi prinċipali ta' din il-kanzunetta huma kemm il-bniedem ma jridx jaqta' qalbu quddiem il-problemi tal-ħajja u li f'din id-dinja m'intix waħdek u allura kollox jista' jitjieb.

*(Addattament ta' silta minn Taħt is-Swar tal-Imdina ta' Lina Brockdorff)*

**--------------- Waqfa ta' 5 minuti ---------------**

**Issa se tinqara s-silta għat-tieni darba.**

**--------------- Qari tas-silta għat-tieni darba ---------------**

**Tista' tkompli twieġeb il-mistoqsijiet.**

**--------------- Waqfa ta' 4 minuti ---------------**

**Grazzi, l-eżami tas-smigħ spiċċa.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

Numru tal-Indiċi:___________ ĊES46/1L1-2-3sk.26m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** |
| KARTA NUMRU: | I – Livell 1-2-3 Is-Smigħ |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| TUL TA' ĦIN: | Madwar 30 minuta |

## IL-KARTA TAL-KANDIDAT

**Is-Smigħ** **(Total: ☐ | 33 marka)**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Immarka b'✓ l-istampa li taqbel mas-suġġett tas-silta li smajt. (2)



A



B



Ċ



D

*(www.shutterstock.com, https://firefly.adobe.com)*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Agħmel linja taħt it-tweġiba t-tajba:**

2. L-istaġun li jissemma f'din is-silta hu

a. s-sajf.

b. x-xitwa.

ċ. r-rebbiegħa. (2)

3. Iż-żewġ tfajliet kien jisimhom

a. Cynthia u Monica.

b. Sylvia u Monica.

ċ. Cynthia u Sylvia. (2)

4. It-tfajliet kienu joqogħdu

a. f'dar kbira.

b. f'appartament.

ċ. f'villa. (2)

5. It-tfajliet jgħixu

a. quddiem il-ġnien.

b. quddiem il-knisja.

ċ. quddiem il-gabbana. (2)

6. Kelma oħra flok "ġuvnotti" li tintuża wkoll fis-silta hija

a. għarajjes.

b. xjuħ.

ċ. subien. (2)

7. Immarka b'✓ iż-**ŻEWĠ** stqarrijiet li huma foloz:

| | | |
|---|---|---|
| a. | It-tfajliet kienu tnejn biss. | |
| b. | Huma kienu joqogħdu l-Imdina. | |
| ċ. | It-triq fejn kienu joqogħdu kien jisimha Triq il-Knisja. | |
| d. | Il-ġuvnotti kienu jilagħbu bil-ballun biex jgħaddu l-ħin. | |

(2)

**Aqta’ linja taħt it-tweġiba t-tajba**

8. Il-ħarġa tagħhom kienet iddum
a. nofs siegħa.
b. siegħa.
ċ. sagħtejn. (2)

9. Fil-ġnien kienu jieqfu
a. mal-funtana.
b. mal-gabbana.
ċ. maċ-ċint. (2)

10. Skont dak li smajt, xi tfisser l-espressjoni “hemm kienet l-għaxqa tagħhom”?
a. Ma kinux jieħdu gost.
b. Kienu jieħdu pjaċir imorru f’dak il-ġnien.
ċ. Ma jħossuhomx komdi. (2)

11. Ikteb il-**ĦAMES** tipi ta’ ikel, li jissemmew fis-silta:

| | |
|---|---|
| a. | b. |
| ċ. | d. |
| e. | |

(5)

12. Immarka b’ ✓ is-sentenzi t-tajba li jaqblu ma’ dak li smajt. (2)

| | |
|---|---|
| | a. Il-ġnien kien jismu Ġnien Howard. |
| | b. Iż-żewġ tfajliet kienu jmorru l-ġnien kemm filgħodu u anke filgħaxija. |
| | ċ. Il-ġuvnotti kienu jilagħbu l-futbol biex jaħlu ftit mill-enerġija. |
| | d. Huma kienu jilagħbu bla storbju u għajjat. |

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

13. Kompli poġġi dawn is-sentenzi fl-ordni kronoloġika skont kif smajthom fis-silta. (3)

| | |
|---|---|
| | Kienu jħarsu lejn il-foss tal-Imdina biex jaraw lill-ġuvnotti jilagħbu. |
| **1** | **Il-ġnien kien jinsab fir-Rabat.** |
| | Waqt li kienu jisimgħu d-diska, huma kienu jkantawha fis-skiet. |
| **2** | **Huma kienu jmorru bil-mixi sa fejn il-foss tal-Imdina.** |
| | Fil-ġnien kien hemm gabbana tal-ikel u x-xorb. |

14. Immarka fil-kaxxa b'✓ Veru jew Falz. (1)

Kull meta kienu jmorru fil-ġnien, kienu jieklu mill-gabbana.

| | |
|---|---|
| Veru | |
| Falz | |

Għaliex? ______________________________________________

15. Imla l-vojt skont is-sens tas-silta. (2)

Il-kanzunetta, li tinstema' _______________ mill-gabbana, kienet tal-grupp famuż il-_______________ bl-isem ta' "Hey Jude".

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** |
| KARTA NUMRU: | I – Livell 1-2-3 |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| TUL TA' ĦIN: | Siegħa u 25 minuta |

**IL-QARI** **(Total: ☐ | 10 marki)**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet ta' warajha.**

**"Malta għandha kollox – mix-xemx sal-istorja"**

Intervista ma' turista Ġermaniża li żaret Malta fis-sajf

**Ġurnalist:** Illum qed nitkellmu ma' Anna Müller, turista minn Munich, il-Ġermanja, li għadha kemm qattgħet ġimagħtejn f'Malta. Anna, x'ġiegħlek tagħżel lil Malta bħala destinazzjoni tas-sajf tiegħek?

**Anna:** Dejjem kont nixtieq inżur lil Malta. Smajt ħafna dwar il-kultura Mediterranja tagħha, l-istorja kbira li għandha u, naturalment, il-baħar sabiħ. Meta rajt xi ritratti tal-Blue Lagoon fuq l-internet, ma stajtx nirreżisti! Barra minn hekk, it-temp f'Malta hu perfett għal vaganza fis-sajf.

**Ġurnalist:** X'kien l-aktar li għoġbok waqt iż-żjara tiegħek?

**Anna:** Mingħajr dubju, il-bliet l-aktar storiċi. Il-Belt Valletta hija affaxxinanti – kull rokna għandha storja. Għoġbitni ħafna wkoll l-Imdina, il-belt kapitali l-antika, speċjalment bil-kwiet tagħha filgħaxija. Mhux ta' b'xejn isejħulha l-Belt is-Siekta. U ma nistax ma nsemmix l-ikel! Il-pastizzi, il-ftira u l-imqarrun kienu l-aktar ikel favorit tiegħi. Niżluli għasel ma' xi tazza ilma friska jew luminata.

**Ġurnalist:** Kif sibtha l-esperjenza tiegħek mal-Maltin?

**Anna:** Nies ġenerużi u ġenwini ħafna. Kulħadd kien lest jgħin jew jagħti parir. Kelli esperjenza sabiħa meta l-karozza tal-linja kienet mimlija u mara Maltija offrietli postha biex inħossni komda. Ħaġa żgħira imma tfisser ħafna għalija għax jiena għandi ftit żmien mhux ħażin.

**Ġurnalist:** Hemm xi ħaġa li taħseb li tista' titjieb?

**Anna:** Forsi s-sistema tat-trasport pubbliku. Xi kultant il-karozzi tal-linja jkunu mimlija wisq u jaslu tard. Għalhekk użajt ħafna apps biex insib rotot alternattivi, u fejn stajt imxejt ukoll. Għalkemm ngħiduha kif inhi, kont negħja malajr.

**Ġurnalist:** Tissuġġerixxi l-mawra tiegħek f'Malta lil ħbiebek?

**Anna:** Bla dubju! Malta għandha taħlita perfetta ta' storja, kultura, ikel tajjeb u baħar il-ġmiel tiegħu. Huwa pajjiż żgħir iżda mimli sorpriżi. Diġà qed nippjana li nerġa' niġi s-sena d-dieħla, forsi biex inżur aktar lill-gżira Għawdxija.

**Ġurnalist:** Grazzi, Anna, tal-ħin tiegħek u tal-impressjonijiet tiegħek fuq Malta.

**Anna:** Grazzi lilkom. Nispera li nżur lil Malta mill-ġdid dalwaqt!

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Din is-silta hija intervista ma' persuna

a. Taljana.
b. Franċiża.
ċ. Ġermaniża. (1)

2. It-tifsira tal-frażi "niżluli għasel" hija

a. kienu tajbin ħafna.
b. fihom l-għasel.
ċ. kienu bla togħma. (1)

3. Iż-żewġt ibliet li semmiet it-turista kienu

a. l-Belt u l-Birgu.
b. l-Birgu u l-Imdina.
ċ. l-Belt u l-Imdina. (1)

4. Lejn nofs l-intervista, it-turista tuża l-frażi "jiena għandi ftit żmien mhux ħażin". Xi tfisser?

a. li għadha żgħira fl-età.
b. li hija kbira fl-età.
ċ. li għalqet żmienha. (1)

5. X'inhi l-burdata tat-turista, waqt li qed twieġeb il-mistoqsijiet tal-ġurnalista?

____________________________________________________________ (1)

6. Ikteb sentenza qasira biex tgħid x'qalet dwar is-sistema tat-trasport pubbliku.

____________________________________________________________ (1)

7. Mis-silta sib kelma jew frażi li tfisser l-istess bħal 'vaganza'.

____________________________________________________________ (1)

8. Semmi **ŻEWĠ** kelmiet li bihom it-turista tiddeskrivi lill-poplu Malti.

a. ____________________________ b. ____________________________ (1)

9. X'taħseb dwar il-mod kif iddiskriviet il-vaganza tagħha f'Malta? Taqbel magħha?

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (2)

**Il-KITBA KREATTIVA** **(Total: ☐ | 17-il marka)**

Ikteb madwar 250 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn:

1. In-nies għandhom jieħdu ħsieb aktar il-pjaneta tagħna, speċjalment l-ambjent. Ikteb **artiklu** bl-opinjonijiet tiegħek fuq dan is-suġġett.

**JEW**

2. L-isport huwa importanti daqs kull ħaġa oħra fil-ħajja. Ikteb xi **argumenti** favur u oħrajn kontra din l-istqarrija, u fl-aħħar agħti l-fehma tiegħek.

***Din il-mistoqsija tkompli fil-paġna li jmiss.***

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** | **SESSJONI 1** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 1-2 It-Taħdit | |
| TUL TA' ĦIN: | 10 minuti | |

## IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR

**It-Taħdit** **(Total: 15-il marka)**

**Jekk il-kandidat ma jkunx jaf iwieġeb taqsima u jkun għadda l-ħin allokat kompli għat-taqsima li jmiss.**

**Taqsima A: Produzzjoni ta' mistoqsijiet skont il-kuntest mogħti** **(6 marki)**

Il-kandidat jingħata l-karta bl-istampi minn qabel u jagħżel **WAĦDA** minnhom.

**Stampa 1:**



*(Sors: https://firefly.adobe.com)*

Ftit 'il bogħod mid-dar tiegħek fetaħ ristorant ġdid u qabbdek kurżità. Staqsi **TLIET** mistoqsijiet biex takkwista aktar informazzjoni fuqu.

**JEW**

**Stampa 2:**



*(Sors: https://firefly.adobe.com)*

Rajt riklam ta' vaganza li interessatek. Staqsi **TLIET** mistoqsijiet biex takkwista aktar informazzjoni dwar din il-vaganza.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Taqsima B: Deskrizzjoni ta' sitwazzjoni** **(9 marki)**

Il-kandidat jingħata l-karta b'żewġ settijiet ta' stampi minn qabel u jagħżel sett **WIEĦED** biex jiddeskrivi s-sitwazzjoni li hemm fl-istampi magħżula.

Istruzzjonijiet lill-kandidat:

Ħares sew lejn l-istampi u ddeskrivi dak li qed tara filwaqt li tgħid x'ġara.

**Stampa 1: Sorpriża lill-mamà**




*(Sors: https://chatgpt.com/)*

**JEW**

**Stampa 2: Għal ftit ma nħarqitx id-dar!**



*(Sors: https://chatgpt.com/)*

**IT-TMIEM TAL-EŻAMI**

**Skema tal-Marki - Taħdit - Livell 1-2** **(Total: 15-il marka)**

| | | **Livell 1** | | **Livell 2** | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | | **0-1** | | **0-2** | |
| 1. | Il-vokabularju | Vokabularju nieqes u ripetut. | 0 | Vokabularju varjat u marbut mas-suġġett. | 2 |
| | | Vokabularju bażiku b'xi ripetizzjonijiet. | 1 | | |
| **Marki** | | **0-2** | | **0-3** | |
| 2. | L-istruttura tas-sentenza u l-qbil grammatikali | Kliem sporadiku. | 0 | Użu ta' sentenzi sempliċi bi qbil grammatikali tajjeb bejn in-nom il-verb u l-aġġettiv. | 3 |
| | | Użu ta' frażijiet. | 1 | | |
| | | Użu ta' sentenzi sempliċi b'għajnuna. | 2 | | |
| **Marki** | | **0-1** | | **0-2** | |
| 3. | Il-pronunzja u l-intonazzjoni | Pronunzja ma tiftiehemx. | 0 | Pronunzja u intonazzjoni addattati. | 2 |
| | | Pronunja li toqrob lejn dik Maltija. | 1 | | |
| **Marki** | | **2** | | **2** | |
| 4. | Rabta mat-taħriġ | Tweġibiet xotti. | 1 | Deskrizzjoni qasira u xotta. | 1 |
| | | Tweġibiet tajbin u elaborati. | 2 | Deskrizzjoni tajba u ddettaljata. | 2 |
| **TOTAL** | | **6 marki** | | **9 marki** | |

**Taqsima A – L-eżaminatur irid juża l-kriterji u l-marki tal-livell 1 biss.**

**Taqsima B – L-eżaminatur irid juża l-kriterji u l-marki tal-livelli kollha.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** | **SESSJONI 1** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 1-2 It-Taħdit | |
| TUL TA' ĦIN: | 10 minuti | |

**IL-KARTA TAL-KANDIDAT**

**It-Taħdit** **(Total: 15-il marka)**

**Taqsima A: Produzzjoni ta' mistoqsijiet skont il-kuntest mogħti** **(6 marki)**

Agħżel stampa **WAĦDA** bejn 1 jew 2.

**Stampa 1:**



*(Sors: https://firefly.adobe.com)*

Ftit 'il bogħod mid-dar tiegħek fetaħ ristorant ġdid u qabbdek kurżità. Staqsi **TLIET** mistoqsijiet biex takkwista aktar informazzjoni fuqu.

**JEW**

**Stampa 2:**



*(Sors: https://firefly.adobe.com)*

Rajt riklam ta' vaganza li interessatek. Staqsi **TLIET** mistoqsijiet biex takkwista aktar informazzjoni dwar din il-vaganza.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Taqsima B: Deskrizzjoni ta' sitwazzjoni** **(9 marki)**

Agħżel stampa **WAĦDA** bejn 1 jew 2 biex wara tiddeskrivi dak li qed tara u tgħid x'ġara.

**Stampa 1: Sorpriża lill-mamà**




*(Sors: https://chatgpt.com/)*

**JEW**

**Stampa 2: Għal ftit ma nħarqitx id-dar!**



*(Sors: https://chatgpt.com/)*

**IT-TMIEM TAL-EŻAMI**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 1-2 Is-Smigħ |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| TUL TA' ĦIN: | Madwar 20 minuta |

## IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR

**Is-Smigħ** **(Total 15-il marka)**

**Il-ħin għal dan l-eżerċizzju, li jinkludi s-smigħ għal darbtejn tat-test, għandu jieħu b'kollox 20 minuta.**

**Il-Proċedura**

**Merħba. Għandek 2 minuti biex tara t-taħriġ marbut mas-smigħ.**

**Matul is-sessjoni tas-smigħ se tisma' s-silta darbtejn. Tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-karta li għandek quddiemek waqt li tisma'. Bejn l-ewwel smigħ u t-tieni smigħ se jkollok 4 minuti.**

**--------------- Waqfa ta' 20 sekonda ---------------**

**Issa se tisma' s-silta għall-ewwel darba.**

**Il-Bajja tal-Mellieħa**

Jekk f'Malta hawn veduta ferm sabiħa,
bla dubju hija l-bajja tal-Mellieħa,
imżejna kollha ġonna, siġar, fjuri,
jitgħaxxqu kemm l-awturi u l-pitturi.

Il-Maltin imkabbrin
B'din il-bajja tassew ferħanin
għax imżejna b'kull ġmiel naturali,
baħar kaħlani, bl-għelieqi mħaddrin.

Fis-sajf kulħadd imurlek sal-Għadira
għax f'Malta l-poplu tagħha din jammira.
Turisti bħal kull sena jżuruha,
ukoll tifħir lilha huma jagħtuha.

Il-Maltin imkabbrin
b'din il-bajja tassew ferħanin
għax imżejna b'kull ġmiel naturali,
baħar kaħlani, bl-għelieqi mħaddrin.

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

Hemm tempju fil-quċċata, fuq il-għolja,
ifakkrek f'jum il-festa tal-Vitorja.
Santwarju ferm antik, bi storja kbira
dan meta San Pawl ġab il-fidi l-gżira.

Il-Maltin imkabbrin
b'din il-bajja tassew ferħanin
għax imżejna b'kull ġmiel naturali,
baħar kaħlani, bl-għelieqi mħaddrin.

Il-Maltin imkabbrin
B'din il-bajja tassew...
Fer—ħa—nin.

*(Sors: Kliem: Anthony Fenech (Il-Pajs)*
*Mużika: Paul Abela u Joe S. Grech*
*Kantant: Sammy Bartolo (New Cuorey))*

**--------------- Waqfa ta' 4 minuti ---------------**

**Issa se tisma' s-silta għat-tieni darba.**

**--------------- Daqq tal-kanzunetta għat-tieni darba ---------------**

**Tista' tkompli twieġeb il-mistoqsijiet.**

**--------------- Waqfa ta' 5 minuti ---------------**

**Grazzi, l-eżami tas-smigħ spiċċa.**

Numru tal-Indiċi:___________ ĊES46/2L1-2sk.26m

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 1-2 Is-Smigħ |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| TUL TA' ĦIN: | Madwar 20 minuta |

**IL-KARTA TAL-KANDIDAT**

**Is-Smigħ** **(Total: ☐ | 15-il marka)**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Immarka b'✓ l-istampa li taqbel mas-suġġett tal-kanzunetta li smajt. (1)



☐ A



☐ B



☐ Ċ



☐ D

*(Sors: shutterstock, https://firefly.adobe.com)*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Agħmel linja taħt it-tweġiba t-tajba skont dak li smajt:**

2. Il-bajja hija mżejna

a. bil-ġonna, bis-siġar u l-blat.
b. bis-siġar, bil-fjuri u bil-ħaxix.
ċ. bil-ġonna, bis-siġar u bil-fjuri. (1)

3. Il-Maltin huma

a. mdejqin b'din il-bajja.
b. ferħanin b'din il-bajja.
ċ. rrabjati b'dak li qed jiġri fil-bajja. (1)

4. Fis-sajf, din il-bajja jżuruha

a. l-Maltin biss.
b. t-turisti biss.
ċ. l-Maltin u t-turisti. (1)

5. F'din il-kanzunetta tissemma festa importanti. Liema hi?

a. Il-festa ta' San Pawl.
b. Il-festa ta' Santa Marija.
ċ. Il-festa tal-Vitorja. (1)

6. Skont il-kanzunetta, il-baħar tal-bajja tal-Mellieħa huwa

a. maħmuġ.
b. sabiħ.
ċ. mimli ħut. (1)

7. Immarka b'✓ iż-**ŻEWĠ** stqarrijiet li huma foloz skont dak li smajt fis-silta.

| | | |
|---|---|---|
| a. | Il-bajja tinsab Marsamxett. | |
| b. | L-għelieqi huma kollha mimlijin ħaxix aħdar. | |
| ċ. | Fit-temp sajfi l-aktar li jżuruha t-turisti. | |
| d. | Is-santwarju li jissemma nbena ftit taż-żmien ilu. | |

(2)

**Aqta’ linja taħt it-tweġiba t-tajba skont dak li smajt:**

8. Isem ieħor għal din il-bajja huwa

a. l-Bajja s-Sabiħa.
b. r-Ramla l-Ħamra.
ċ. l-Għadira. (1)

9. Fis-sajf, it-turisti, barra li jżuruha,

a. iħammġuha.
b. ifaħħruha.
ċ. jeqirduha. (1)

10. Skont dak li smajt, x’ġab f’Malta San Pawl?

a. Tempju kbir u sabiħ.
b. Ir-Reliġjon.
ċ. Storja kbira. (1)

11. Barra l-awturi, min aktar jitgħaxxaq bil-veduta ta’ din il-bajja?

a. Il-pitturi.
b. L-għalliema.
ċ. L-iskulturi. (1)

12. Kemm-il darba huma ripetuti dawn iż-żewġ linji fil-kanzunetta?

| | |
|---|---|
| Il-Maltin imkabbrin<br>b’din il-bajja tassew ferħanin | Ikteb in-numru: ____________ |

(2)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

13. Skont l-informazzjoni li smajt fil-kanzunetta, liema stampa tiddeskrivi l-burdata tal-Maltin u t-turisti? Immarka l-istampa t-tajba b'✓. (1)



☐

A



☐

B



☐

Ċ



☐

D

*(Sors: https://firefly.adobe.com)*

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 1-2 |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| TUL TA' ĦIN: | Siegħa u 45 minuta |

**IL-QARI** **(Total: ☐ | 25 marka)**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet ta' warajha.**

**Is-sajf reġa' magħna.**



*(Sors: shutterstock)*

Is-sajf f'Malta huwa żmien ta' sħana imma fl-istess ħin mimli ħajja u divertiment. Minn Mejju sa Settembru, il-gżejjer Maltin jimtlew bit-turisti u ħafna attivitajiet. (par.1)

It-temp ikun xemxi u t-temperatura tista' titla' bejn it-30 u l-40 grad Celsius. Il-ġranet ikunu twal u ħafna nies iqattgħu l-ħin tagħhom il-baħar jew f'postijiet **għad-dell** biex jiffriskaw u jistrieħu. Huwa żmien meta nqattgħu aktar ħin mal-familja u noħolqu memorji sbieħ li jibqgħu għal dejjem. (par.2)

Ħafna Maltin u turisti jmorru jgħumu u jgawdu l-ilma ċar u blu. Fost il-bajjiet popolari li jkunu mimlija bin-nies **fl-eqqel tas-sajf**, insibu l-Bajja tal-Għadira, il-Bajja t'Għajn Tuffieħa, ir-Ramla l-Ħamra f'Għawdex, u l-Blue Lagoon f'Kemmuna. Dawk li jħobbu l-isports tal-baħar ikunu wkoll qed jistennew is-sajf sabiex jipprattikawh. Hemm min iħobb jilgħab il-waterpolo u hemm min jagħmel il-windsurfing meta jitqawwa xi ftit ir-riħ. Min iħobb jogħdos jista' jgawdi ġranet mill-isbaħ fis-sajf għaliex il-baħar Malti huwa magħruf għas-sbuħija tiegħu taħt l-ilma **kristall**, fejn tista' tara ħafna ħut u xi drabi wkoll vapuri antiki mgħarrqa. (par.3)

Fis-sajf isiru wkoll ħafna avvenimenti, bħal festivals tal-mużika, kunċerti fuq barra, u wirjiet ta' arti. Isiru festivals popolari bħall-Isle of MTV, il-Malta Jazz Festival, u l-Festival tal-Arti fil-Belt Valletta. Dawn jiġbdu ħafna żgħażagħ u turisti li jiġu Malta apposta biex igawdu l-mużika u l-atmosfera ferrieħa. (par.4)

Il-ħajja ta' billejl fis-sajf hija wkoll popolari ħafna. Ħafna nies joħorġu jieklu barra f'ristoranti ħdejn il-baħar jew f'postijiet bħal San Ġiljan, Tas-Sliema, Marsaxlokk u Buġibba. Tista' tiekol ħut frisk jew ikel Mediterranju waqt li tgawdi x-xemx nieżla u l-ħoss tal-mewġ. Paceville huwa magħruf għall-klabbs u l-bars tiegħu fejn in-nies jiżfnu u jgawdu l-mużika sa tard billejl. (par.5)

Madankollu, is-sħana fis-sajf kultant tkun qawwija ħafna. Għalhekk, huwa importanti li tixrob ħafna ilma, tuża kremi li jipproteġuk mix-xemx, tilbes kpiepel, u ma tqattax ħafna ħin fix-xemx. Ħafna Maltin jippreferu jmorru l-baħar kmieni filgħodu jew filgħaxija meta jkun aktar frisk. Filgħaxijiet, l-arja tkun aktar komda u l-atmosfera tkun ideali għal mixja sabiħa max-xatt jew laqgħa mal-ħbieb. (par.6)

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA A**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Din is-silta titkellem dwar
a. l-istaġuni u t-temp.
b. is-sajf f'Malta.
ċ. il-postijiet ta' divertiment. (1)

2. a. Immarka t-tajba billi taqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.
Din is-silta titkellem dwar: i. fatti ii. opinjoni iii. storja (1)

b. Ikkwota mis-silta (mhux aktar minn 12-il kelma) sabiex turi dan.

____________________________________________________________

__________________________________________________________ (1)

3. Liema paragrafu tas-silta jaqbel fl-istampa?
a. Paragrafu 2
b. Paragrafu 3
ċ. paragrafu 5 (1)

4. Il-kelma "għad-dell" (par.2) tfisser
a. post fix-xemx diretta.
b. post fejn ma jkunx hemm xemx.
ċ. post fuq ir-ramel, ħdejn il-baħar. (1)

5. Il-kelma "kristall" (par.3) tfisser
a. ċar ħafna.
b. fond ħafna.
ċ. frisk ħafna. (1)

6. Liema minn dan il-kliem jurik dwar xiex jitkellem paragrafu 4?
a. Postijiet sbieħ.
b. Divertiment u kultura.
ċ. Problemi taż-żgħażagħ. (1)

7. Kompli dawn is-sentenzi:

F'din is-silta għoġbitni l-informazzjoni dwar ________________________________.

Għoġbitni din is-silta għax sirt naf li ___________________________________ .

Din is-silta setgħet tkellmet ukoll dwar __________________________________. (3)

**TAQSIMA B**

1. It-temperaturi f'Malta fis-sajf jistgħu jilħqu
a. l-erba' gradi Celcius.
b. l-erbatax-il grad Celcius.
ċ. l-erbgħin grad Celcius. (1)

2. Semmi **ŻEWĠ** tipi ta' sport li jiġu pprattikati f'Malta fis-sajf.

a. ____________________ b. ____________________(2)

3. F'lejla sajfija, waqt li tiekol ħut frisk f'ristorant, tista' wkoll

tara ________________________________________

tisma' ________________________________________ (2)

4. Skont dak li qrajt fis-silta, qabbel il-post mal-attività li tista' tagħmel fih.

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Paceville: | | Iżżur postijiet storiċi. |
| b. | Il-Belt Valletta: | **e**. | Tara l-logħob tan-nar |
| ċ. | Marsaxlokk: | | Tiżfen u tgawdi l-mużika. |
| d. | L-Għadira: | | Tiekol ħut frisk f'ristorant. |
| e. | Kull raħal f'Malta: | | Tmur tgħum. |

(4)

5. Semmi **TLIET** affarijiet li tista' tagħmel biex tipproteġi ruħek mix-xemx.

a. ________________________________________

b. ________________________________________

ċ. ________________________________________ (3)

6. Fisser il-frażi "fl-eqqel tas-sajf" f'paragrafu 3?

________________________________________(1)

7. Skont dak li qrajt, tippreferi s-sajf jew xi staġun ieħor? Għaliex?

________________________________________(2)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IL-LETTERATURA** **(Total: 10 marki)**

**Aqra din il-poeżija u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**L-Isport**

Nitħabat, nissielet[1],
fil-ġiri, fil-qbiż
fuq l-art jew fil-baħar,
fir-refgħa tal-piż;

Fit-tfigħ u fil-boċċi,
fil-logħob tal-ballun;
fl-isport hemm il-hena,
ikun fejn ikun.

X’hemm iżjed ta’ saħħa
x’hemm iktar ta’ ġieħ
minn ġemgħa qalbiena[2]
fl-isport hekk sabiħ?

Li kieku n-nies kollha
fl-isport medhijin[3],
kemm tonqos il-herra[4],
kemm ngħixu henjin.

Henry Grech



*(Sors: chatgpt)*

**Il-Mistoqsijiet**

**Agħżel it-tweġiba t-tajba.**

1. Din il-poeżija hija dwar
a. kemm wieħed jitħallas meta jagħmel sport.
b. l-għaqda li jġib l-isport.
ċ. l-iktar tipi ta’ sport importanti. (1)

2. Min taħseb li qiegħed jitkellem f’din il-poeżija?
a. L-isportivi.
b. Il-poplu.
ċ. Il-poeta. (1)

---

[1] nitħabat u nittrenja ħafna.
[2] nies kuraġġużi ħafna.
[3] jieħdu sehem, iqattgħu l-ħin.
[4] rabja, ġlied.

3. a. Meta naqra din il-poeżija, inħoss sens ta’

i. kompetizzjoni.

ii. paċi.

iii. dwejjaq. (1)

b. Ikkwota vers li jwassal dan is-sentiment.

________________________________________________________________ (1)

4. Imla l-vojt b’numru:

Din il-poeżija fiha ___________ strofi. (1)

5. Il-versi ta’ din il-poeżija fihom

a. sitt sillabi.

b. seba’ sillabi.

ċ. tmien sillabi. (1)

6. Meta nipprattikaw l-isport inkunu wkoll qrib in-natura. Ikkwota l-vers li juri dan.

________________________________________________________________(2)

7. Minn dak li qrajt f’din il-poeżija, taqbel ma’ dak li hemm fl-aħħar strofa? Għaliex?

________________________________________________________________

________________________________________________________________(2)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**Il-KITBA FUNZJONALI - KITBA QASIRA** **(Total: ☐| 10 marki)**

Ikteb reklam sa 80 kelma fuq **WIEĦED** minn dawn:

1. Inti tixtieq tiftaħ ħanut ġdid tal-ħwejjeġ. Ikteb reklam biex jinstema' fuq ir-radju sabiex tħajjar lin-nies jiġu jixtru mingħandek.

**JEW**

2. Inti parti minn grupp ta' nies li qed jgħixu f'Malta minn pajjiż ieħor u tixtiequ torganizzaw ġita/safra għan-nies tar-raħal/belt fejn tgħixu biex turu s-sbuħija tal-pajjiż li minnu ġejjin. Ikteb reklam sabiex jiġi stampat u jitqassam f'fuljett fid-djar.

**REKLAM NUMRU: ________**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**Il-KITBA KREATTIVA – KITBA TWILA** **(Total: ☐| 25 marka)**

Ikteb sa 150 kelma fuq **WIEĦED** wieħed minn dawn:

1. Ir-raħal jew belt fejn noqgħod.

Tista' tuża dawn l-għajnuniet:
- Iddeskrivih fil-qosor.
- X'għandu speċjali?
- Għaliex jogħġbok?
- X'tixtieq li jkun hemm iżjed fih?

**JEW**

2. Ir-rebbiegħa f'Malta

Tista' tuża dawn l-għajnuniet:
- Iddeskriviha fil-qosor.
- X'tista' tagħmel fi żmien ir-rebbiegħa f'Malta?
- X'ikel nieklu f'dan l-istaġun?
- X'jogħġbok u x'ma jogħġbokx fir-rebbiegħa?

**TITLU NUMRU: ______**

_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** | **SESSJONI 1** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 2-3 It-Taħdit | |
| TUL TA' ĦIN: | 10 minuti | |

## IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR

**It-Taħdit** **(Total: 15-il marka)**

**Jekk il-kandidat ma jkunx jaf iwieġeb taqsima u jkun għadda l-ħin allokat kompli għat-taqsima li jmiss.**

**Taqsima A: Nitkellem dwar dak li jogħġobni jew dak li ma jogħġobnix.** **(6 marki)**

Il-kandidat jingħata l-karta bl-istampi minn qabel u jagħżel **WAĦDA** minnhom biex wara jgħid x'jogħġbu jew x'ma jogħġbux mill-istampa.

**Stampa 1: Il-Ħela tal-Ikel**



- X'qed tara fl-istampa?
- X'hemm jogħġbok jew idejqek?
- Għaliex?

**JEW**

**Stampa 2: Sport Estrem**



- X'qed tara fl-istampa?
- X'hemm jogħġbok jew idejqek?
- Għaliex?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Taqsima B: Inqabbel sitwazzjonijiet/affarijiet differenti** **(9 marki)**

Il-kandidat jingħata l-karta bl-istampi minn qabel u jagħżel **WAĦDA** biex wara jqabbel is-sitwazzjonijiet/affarijiet.

**Stampa 1: Xiri Online jew mill-Ħwienet?**

X'taħseb li huma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi taż-żewġ sitwazzjonijiet li qed tara fl-istampi?





**JEW**

**Stampa 2: Tordna l-Ikel jew Issajjar id-Dar?**

X'taħseb li huma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi taż-żewġ sitwazzjonijiet li qed tara fl-istampi?





*(Sors: L-istampi kollha użati f'dan l-eżami ttieħdu mis-sit (https://firefly.adobe.com))*

**IT-TMIEM TAL-EŻAMI**

**Skema tal-Marki - Taħdit - Livell 2-3** **(Total: 15-il marka)**

| | | Livell 2 | | Livell 3 | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | | **0-1** | | **0-2** | |
| 1. | Il-vokabularju | Vokabularju varjat u marbut mas-suġġett. | 1 | Vokabularju xieraq u marbut mas-suġġett. | 2 |
| **Marki** | | **0-1** | | **0-2** | |
| 2. | L-istruttura tas-sentenza | Użu ta' sentenzi sempliċi. | 1 | Użu ta' sentenzi komposti. | 2 |
| **Marki** | | **0-1** | | **0-2** | |
| 3. | Il-qbil grammatikali | Qbil bejn in-nom-il-verb u l-aġġettiv. | 1 | Qbil grammatikali tajjeb u xieraq. | 2 |
| **Marki** | | **0-1** | | | |
| 4. | Il-pronunzja u l-intonazzjoni | Pronunzja u intonazzjoni addattati. | 1 | | |
| **Marki** | | **2** | | **3** | |
| 5. | Rabta mat-taħriġ | Tweġibiet xotti. | 1 | Tweġibiet xotti mingħajr opinjoni. | 1 |
| | | Tweġibiet elaborati. | 2 | Tweġibiet bi ftit dettalji u opinjoni vaga. | 2 |
| | | | | Tweġibiet elaborati, msaħħa b'opinjonijiet validi. | 3 |
| **TOTAL** | | **6 marki** | | **9 marki** | |

**Taqsima A – L-eżaminatur irid juża l-kriterji u l-marki tal-livell 2 biss.**

**Taqsima B – L-eżaminatur irid juża l-kriterji u l-marki tal-livelli kollha.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** | **SESSJONI 1** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 2-3 It-Taħdit | |
| TUL TA' ĦIN: | 10 minuti | |

## IL-KARTA TAL-KANDIDAT

**It-Taħdit** **(Total: 15-il marka)**

**Taqsima A: Nitkellem dwar dak li jogħġobni jew dak li ma jogħġobnix.** **(6 marki)**

Agħżel stampa **WAĦDA** bejn 1 jew 2 biex wara tgħid x'jogħġbok jew x'ma jogħġbokx mill-istampa.

**Stampa 1: Il-Ħela tal-Ikel**



- X'qed tara fl-istampa?
- X'hemm jogħġbok jew idejqek?
- Għaliex?

**JEW**

**Stampa 2: Sport Estrem**



- X'qed tara fl-istampa?
- X'hemm jogħġbok jew idejqek?
- Għaliex?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Taqsima B: Inqabbel sitwazzjonijiet/affarijiet differenti** **(9 marki)**

Agħżel stampa **WAĦDA** bejn 1 jew 2 biex wara tqabbel is-sitwazzjonijiet/affarijiet.

**Stampa 1: Xiri Online jew mill-Ħwienet?**

X'taħseb li huma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi taż-żewġ sitwazzjonijiet li qed tara fl-istampi?





**JEW**

**Stampa 2: Tordna l-Ikel jew Issajjar id-Dar?**

X'taħseb li huma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi taż-żewġ sitwazzjonijiet li qed tara fl-istampi?





*(Sors: L-istampi kollha użati f'dan l-eżami ttieħdu mis-sit (https://firefly.adobe.com))*

**IT-TMIEM TAL-EŻAMI**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 2-3 Is-Smigħ |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| TUL TA' ĦIN: | Madwar 20 minuta |

## IL-KARTA TAL-EŻAMINATUR

**Is-Smigħ** **(Total 15-il marka)**

**Il-ħin għal dan l-eżerċizzju, li jinkludi l-qari darbtejn tat-testi, għandu jieħu b'kollox 20 minuta.**

**Il-Proċedura**

**Merħba.**

**Matul is-sessjoni tas-smigħ se tisma' s-silta darbtejn. Tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-karta li għandek quddiemek waqt li tisma'. Bejn l-ewwel qari u t-tieni qari se jkollok 8 minuti.**

**--------------- Waqfa ta' 20 sekonda ---------------**

**Issa se tinqara s-silta għall-ewwel darba.**

### Il-Girna Maltija

Il-Ħadd li għadda, Sara ħarġet mal-ġenituri tagħha u marru l-Imtaħleb. Hemm rat girna, fost ħafna affarijiet sbieħ li kien hemm fil-kampanja. It-Tnejn filgħodu, waqt li kienet l-iskola, Sara ltaqgħet mal-ħabib tagħha Mark u flimkien qagħdu jitkellmu dwar il-girna.

Kif se naraw minn din id-diskursata ta' bejniethom, il-girna hija binja sempliċi ħafna, mibnija b'ġebel, li l-bidwi u r-ragħaj kienu jsibu fil-qrib. Ħafna drabi din ikollha forma tonda. Il-girna sservi bħala kenn għall-bidwi u r-ragħaj. Fl-istess ħin tagħmel sabiħ ħafna qalb ir-raba' u l-għelieqi Maltin.

Mark: Fejn mortu lbieraħ?

Sara: Ilbieraħ morna l-Imtaħleb, fl-inħawi tar-Rabat.

Mark: Rajt xi ħaġa li laqtitek?

Sara: Iva, rajt girna.

Mark: Din xi tkun?

Sara: Din tkun kamra f'għalqa.

Mark: Imma x'għandha speċjali?

Sara: Il-ġebel tagħha la jkun maħdum u lanqas imkaħħal, qisu bħal tal-ħajt tas-sejjieħ.

Mark: X'forma għandha?

Sara: Is-saqaf ta' ġewwa jkun qisu koppla. U l-forma tal-ħajt, li jkun oħxon minn barra, tkun aktarx tonda.

Mark: Dejjem tonda?

***Din is-silta tkompli fil-paġna ta' wara.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

Sara: Le. Tista' tkun kwadra jew forma ta' rettanglu. Xi drabi tkun ovali. Imma jien jogħġbuni l-aktar dawk tondi.

Mark: Biex ikun magħmul is-saqaf?

Sara: Dan jagħmluh bil-ġebel irqiq, ramel, ġir u trab tal-fuħħar imħalltin flimkien.

Mark: Kemm-il bieb ikun fiha?

Sara: Fil-biċċa l-kbira jkollha wieħed iħares lejn fejn titla' x-xemx.

Mark: Ikollha xi tieqa għad-dawl u l-arja?

Sara: Iva. Din tkun kwadra jew tawwalija, waqtiet mimduda u waqtiet wieqfa. Ħafna drabi t-tieqa tkun magħluqa bil-ġebel.

Mark: U biex għedtli li tinbena?

Sara: Din tinbena bil-biċċiet tal-ġebel li l-bidwi jew ir-ragħaj isib madwaru fil-kampanja.

Mark: Fejn insibuha l-aktar il-girna?

Sara: Insibuha l-aktar fuq il-blat fix-xagħri.

Mark: Għalfejn tintuża?

Sara: Il-girna tintuża mill-bidwi u mir-ragħaj bħala kenn waqt li jkunu jaħdmu r-raba' jew jgħassu n-nagħaġ u l-mogħoż.

Mark: Antiki xejn dawn il-giren?

Sara: Dawn għandhom ħafna u ħafna żmien u jagħmlu sabiħ wisq qalb ir-raba' u l-għelieqi.

Mark: Tassew li qajjimtli l-kurżità dwar dawn il-giren. Meta mmur fil-kampanja nipprova nfittex waħda minnhom u noqgħod inħares lejha u nistudjaha.

Il-qanpiena daqqet. Dan kien ifisser li se tibda l-ewwel lezzjoni tal-ġimgħa. Mark u Sara kellhom iħaffu biex imorru fil-klassi tagħhom ħalli jħejju ruħhom għal-lezzjoni tal-Malti. Kienu ħerqanin għal din il-lezzjoni, għax inzerta li l-għalliema kienet se tkellimhom fuq is-sbuħija tan-natura f'pajjiżna.

**--------------- Waqfa ta' 4 minuti ---------------**

**Issa se tinqara s-silta għat-tieni darba.**

**--------------- Qari tas-silta għat-tieni darba ---------------**

**Tista' tkompli twieġeb il-mistoqsijiet.**

**--------------- Waqfa ta' 5 minuti ---------------**

**Grazzi, l-eżami tas-smigħ spiċċa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 2-3 Is-Smigħ |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| TUL TA' ĦIN: | Madwar 20 minuta |

## IL-KARTA TAL-KANDIDAT

**Is-Smigħ** **(Total: ☐ | 15-il marka)**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Il-girna hija s-suġġett ewlieni ta' din is-silta. Immarka l-istampa t-tajba skont dak li smajt. (1)

| | |
|---|---|
|  ☐ A |  ☐ B |
|  ☐ Ċ |  ☐ D |

*(Sors: www.shutterstock.com)*

2. Imla l-vojt fit-tabella skont dak li smajt f'din is-silta. (4)

| **Is-saqaf tal-girna jkun magħmul minn taħlita ta'** | |
|---|---|
| a. | ċ. |
| b. | d. |

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

3. Immarka b' ✓ is-sentenza t-tajba li taqbel ma' dak li smajt. (1)

| | |
|---|---|
| | a. Sara u l-familja tagħha marru sal-Imtaħleb, fil-limiti tal-Mellieħa. |
| | b. Ħafna drabi l-girna jkollha forma ta' kaxxa. |
| | ċ. Il-girna ssebbaħ ir-raba' u l-għelieqi Maltin. |
| | d. It-tieqa tal-girna tkun miftuħa għall-arja. |

**Agħmel linja taħt it-tweġiba t-tajba.** (3)

4. Il-girna hija bini

a. għoli ħafna.

b. kkumplikat.

ċ. sempliċi immens.

5. Il-girna kienet tintuża biex il-bidwi u r-ragħaj

a. iżommu l-ilma frisk fis-sajf.

b. jistkennu ftit fiha waqt ix-xogħol.

ċ. joqogħdu jilagħbu l-karti.

6. 'Tassew li qajjimtli kurżità dwar dawn il-giren' tfisser

a. li kien interessat u xtaq ikun jaf aktar.

b. li ddejjaq jisma' dwar il-giren.

ċ. li ma jafx fuq xiex qed tgħid.

7. Kompli poġġi dawn is-sentenzi fl-ordni kronoloġika skont kif smajthom fis-silta. (3)

| | |
|---|---|
| | Fil-biċċa l-kbira, il-bieb tal-girna jħares lejn tlugħ ix-xemx. |
| **a** | Sara u l-ġenituri tagħha marru sal-Imtaħleb, il-Ħadd li għadda. |
| | Il-giren għandhom ħafna żmien u jagħmlu sabiħ fil-kampanja Maltija. |
| | L-għada ltaqgħet ma' Mark u qagħdu jitkellmu fuq il-giren. |
| **ċ** | Is-saqaf tal-girna jkun qisu koppla. |

8. Agħmel linja taħt il-kelma t-tajba skont dak li smajt: (1)

L-Imtaħleb jinsab viċin (il-Kalkara, il-Belt Valletta, ir-Rabat).

9. Immarka fil-kaxxa b'✓ Iva jew Le. (1)
It-tieqa tal-girna tkun kwadra jew tonda, waqtiet mimduda u waqtiet wieqfa.

| | |
|---|---|
| Iva | |
| Le | |

Għaliex? ______________________________________________

10. L-għalliema kienet se tkellimhom fuq is-sbuħija tan-natura f'pajjiżna. Skont dak li smajt, aqta' linja taħt il-mistoqsija l-aktar addattata li Mark kien se jsaqsi, wara d-diskursata li kellu ma' Sara fuq il-girna. (1)

a. Vera li n-natura Maltija qed tinqered?
b. Fl-imgħoddi min kien juża l-girna?
ċ. Il-girna għad għandha skop illum fl-għelieqi Maltin?

Paġna Vojta

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti bħala Lingwa Barranija** |
| KARTA NUMRU: | II – Livell 2-3 |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| TUL TA' ĦIN: | Siegħa u 45 minuta |

**IL-QARI** **(Total: ☐ / 25 marka)**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet ta' warajha.**

**Is-sajf reġa' magħna**


*(Sors: shutterstock)*

Is-sajf f'Malta huwa żmien ta' sħana imma fl-istess ħin mimli ħajja u divertiment. Minn Mejju sa Settembru, il-gżejjer Maltin jimtlew bit-turisti u ħafna attivitajiet. (par.1)

It-temp ikun xemxi u t-temperatura tista' titla' bejn it-30 u l-40 grad Celsius. Il-ġranet ikunu twal u ħafna nies iqattgħu l-ħin tagħhom il-baħar jew f'postijiet għad-dell biex jiffriskaw u jistrieħu. Huwa żmien meta nqattgħu aktar ħin mal-familja u noħolqu memorji sbieħ li jibqgħu għal dejjem. (par.2)

Ħafna Maltin u turisti jmorru jgħumu u jgawdu l-ilma ċar u blu. Fost il-bajjiet popolari li jkunu mimlija bin-nies **fl-eqqel tas-sajf**, insibu l-Bajja tal-Għadira, il-Bajja t'Għajn Tuffieħa, ir-Ramla l-Ħamra f'Għawdex, u l-Blue Lagoon f'Kemmuna. Dawk li jħobbu l-isports tal-baħar ikunu wkoll qed jistennew is-sajf sabiex jipprattikawh. Hemm min iħobb jilgħab il-waterpolo u min jagħmel il-windsurfing, meta jitqawwa xi ftit ir-riħ. Min iħobb jogħdos jista' jgawdi ġranet mill-isbaħ fis-sajf għaliex il-baħar Malti huwa magħruf għas-sbuħija u l-ilma kristall, fejn tista' tara ħafna ħut u xi drabi wkoll vapuri antiki mgħarrqa. (par.3)

Matul is-sajf, kull raħal u belt f'Malta jiċċelebra l-festa. Il-festi huma parti importanti mill-kultura Maltija u jattiraw ħafna nies li jkunu bil-vaganzi jew fuq btala. In-nies jiċċelebraw il-qaddis tal-belt jew raħal bil-baned, il-logħob tan-nar, u l-marċi kbar li għalihom jattendu ħafna żgħażagħ. **It-toroq jilbsu l-libsa tal-festa** billi jiddendlu pavaljuni u jiddawlu b'dawl ikkulurit. Il-festi jagħtu sens ta' ferħ u komunità, fejn in-nies jiltaqgħu fit-toroq biex jiċċelebraw flimkien. (par.4)

Fis-sajf isiru wkoll ħafna avvenimenti oħra, bħal festivals tal-mużika, kunċerti fuq barra, u wirjiet ta' arti. Isiru festivals popolari bħall-Isle of MTV, il-Malta Jazz Festival, u l-Festival tal-Arti fil-Belt Valletta. Dawn jiġbdu ħafna żgħażagħ u turisti li jiġu Malta apposta sabiex igawdu l-mużika u l-atmosfera ferrieħa. Il-postijiet storiċi bħall-Belt Valletta, l-Imdina, u ċ-Ċittadella f'Għawdex ikunu **miżgħuda** bit-turisti għalkemm is-sħana qawwija mhux dejjem tħallihom igawdu dawn il-postijiet bl-aħjar mod possibbli. (par.5)

Il-ħajja ta' billejl fis-sajf hija wkoll popolari ħafna. Ħafna nies joħorġu jieklu barra f'ristoranti ħdejn il-baħar jew f'postijiet bħal San Ġiljan, Tas-Sliema, Marsaxlokk, u Buġibba. Tista' tiekol ħut frisk jew ikel Mediterranju waqt li tgawdi x-xemx nieżla u l-ħoss tal-mewġ. Paceville huwa magħruf għall-klabbs u l-bars tiegħu fejn in-nies jiżfnu u jgawdu l-mużika sa tard billejl. (par.6)

***Din is-silta tkompli fil-paġna li jmiss.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

Madankollu, is-sħana fis-sajf kultant tkun qawwija ħafna. Għalhekk, huwa importanti li tixrob ħafna ilma, tuża kremi li jipproteġuk mix-xemx, tilbes kpiepel, u ma tqattax ħafna ħin fix-xemx. Ħafna Maltin jippreferu jmorru l-baħar kmieni filgħodu jew filgħaxija meta jkun aktar frisk. Filgħaxijiet, l-arja tkun aktar komda u l-atmosfera tkun ideali għal mixja sabiħa jew laqgħa mal-ħbieb. (par.7)

**TAQSIMA A**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

1. Semmi **ŻEWĠ** tipi ta’ sport li jista’ jiġi pprattikat f’Malta fis-sajf.

a. ____________________________________ b. ____________________________________ (2)

2. F’lejla sajfija, waqt li tiekol ħut frisk f’ristorant, tista’ wkoll

   tara ____________________________________________________________

   tisma’__________________________________________________________ (2)

3. Semmi **TLIET** affarijiet li tista’ tagħmel biex tipproteġi ruħek mix-xemx.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

4. Fisser il-frażi “fl-eqqel tas-sajf” f’paragrafu 3.

______________________________________________________________________ (1)

5. Skont dak li qrajt, tippreferi s-sajf jew xi staġun ieħor? Għaliex?

______________________________________________________________________ (2)

**TAQSIMA B**

1. Minbarra l-ħut, x’attrazzjoni oħra joffri l-baħar Malti lil min jogħdos?

______________________________________________________________________ (2)

2. Kif irid ikun it-temp biex id-dilettanti tal-windsurfing ikunu jistgħu jipprattikaw l-isport tagħhom?

______________________________________________________________________ (1)

3. Għaliex taħseb li l-awtur jgħid f’paragrafu 4 li “It-toroq jilbsu l-libsa tal-festa”?

______________________________________________________________________ (2)

4. "L-Imdina, u ċ-Ċittadella f'Għawdex ikunu miżgħuda bit-turisti". Agħti kelma/frażi oħra minflok "miżgħuda".

______________________________________________________________________________(2)

5. X'inhu l-iżvantaġġ li żżur postijiet storiċi fis-sajf f'Malta?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2)

6. Għaliex taħseb li l-festi tal-irħula jiġu ċċelebrati fis-sajf?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2)

7. L-awtur jgħid li s-sajf: "huwa żmien meta nqattgħu aktar ħin mal-familja u noħolqu memorji sbieħ."

a. Taqbel ma' dan? ____________________________________

b. Għaliex?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2)

8. Skont dak li qrajt, ikteb **ŻEWĠ** memorji sbieħ li wieħed jista' jkollu meta jesperjenza s-sajf f'Malta.

a. ____________________________________________________________________________

b. __________________________________________________________________________ (2)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IL-LETTERATURA** **(Total: ☐ / 10 marki)**

**Aqra din il-poeżija u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**It-Tfajla tal-Vjolin**

Fuq fommha tbissima,
f'id waħda l-vjolin,
fl-id l-oħra l-ark bieżel,
u n-noti ħerġin.

Kull nota midmuma[1],
qed tgħożżha,
qed tħossha,
tintiseġ ġo qalbha,
imbagħad fuq il-kordi,
tifrixhom bil-ħlewwa,
tmellishom,
tfissidhom,
u titlaqhom ħerġin mill-vjolin,
jitbandlu matul il-korsija.[2]

Ħoss ħlejju, sabiħ,
biex l-udjenza tithenna,
u tieħu gost bih.

Charles Mifsud



*(Sors: chatgpt)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet**

Agħżel it-tweġiba t-tajba.

1. It-ton ta' din il-poeżija huwa ton
a. serju.
b. ċajtier.
ċ. reliġjuż. (1)

2. F'din il-poeżija tinħass atmosfera ta'
a. inkwiet u protesta.
b. gost u pjaċir.
ċ. dwejjaq u mewt. (1)

[1] maħduma/miżjuda
[2] il-passaġġ tan-nofs fil-knisja/sala

3. a. Lin-noti, it-tfajla tal-vjolin 'tmellishom' u 'tfissidhom'. X'għodda letterarja qed iħaddem il-poeta meta jgħid hekk?

_____ (1)

b. X'juruna dawn il-kelmiet dwar ir-relazzjoni li hemm bejn it-tfajla u l-vjolin?

_____

_____ (2)

4. a. Sib u ikteb eżempju ta' rima.

_____ (1)

b. Għid għaliex din it-tip ta' rima tixraq tassew lil din il-poeżija.

_____

_____ (1)

5. F'din il-poeżija niltaqgħu ma' **TLIET** protagonisti b'kollox apparti t-tfajla u l-vjolin. Liema huwa l-protagonist l-ieħor?

_____ (1)

6. Minn dak li qrajt fil-poeżija, fejn taħseb li hija ambjentata din il-poeżija? Għid għaliex taħseb hekk u saħħaħ bi kwotazzjoni.

_____

_____ (2)

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IL-KITBA FUNZJONALI – KITBA QASIRA** **(Total: ☐ | 10 marki)**

Ikteb ittra elettronika sa 100 kelma fuq **WIEĦED** minn dawn:

1. L-akbar ħabib tiegħek ħa sehem f'kompetizzjoni sportiva u rebaħ midalja tad-deheb. Iktiblu ittra elettronika sabiex tawguralu u turih li kont qed issegwih tul il-kompetizzjoni kollha.

**JEW**

2. Ħabib tiegħek li jħobb l-Istorja se jiġi jżurek f'Malta matul is-sajf. Iktiblu ittra elettronika li fiha tgħidlu fuq postijiet storiċi interessanti f'Malta li tixtieq tieħdu jara.

   L-isem u l-indirizz tiegħek huwa: Sandro/Sandra Borg. sanborg@malit.mt
   L-isem u l-indirizz tal-ħabiba tiegħek huwa: Maria Jones. marjones@globe.eu

**ITTRA ELETTRONIKA NUMRU: ______**

___

___

___

___

___

___

___

___

___

___

___

**IL-KITBA KREATTIVA – KITBA TWILA** **(Total: ☐ | 25 marka)**

Ikteb sa 250 kelma fuq **WIEĦED** minn dawn:

1. Iddeskrivi l-isport favorit tiegħek.

**JEW**

2. Irrakkonta meta mort kunċert mużikali ma' sħabek.

**TITLU NUMRU: _________**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

TIKTIBX F'DAN L-ISPAZJU